# <u>KAPPELLI FIL-WIDIEN</u>

**Kitba ta' Dr. Joseph Borg**

**Meta nafu li Malta, bħala gżira ta' medda art ta' madwar 300 km biss, hija xi ħaġa li tgħaggeb meta tara li f'Malta għandna 'l fuq minn 100 km tul ta' widien ewlenin u madwar id-doppju ta' dan f'widien żgħar. Nistgħu ngħidu l-istess għal Għawdex, li huwa iżgħar minn Malta iżda l-proporzjon ta' widien qiegħed hemm. Ma nistgħaġbux mela li fil-Widien insibu għadd sabiħ ta' Kappelli.**

**Il-widien jintużaw, jew aħjar kienu jintużaw, għal bosta attivitajiet. Biċċa minn dawn għadhom sal-lum waqt li oħrajn ma baqgħux – iżda xorta taw spazju għal bini ta' kappelli fil-widien.**

**Bosta widien kienu jintużaw bħala mezz ta' kominikazzjoni bejn raħal u ieħor, fi żmien meta karozzi tal-linja kienu ftit u aktar u aktar karozzi privati. Bil-ħmar u l-karettun kont tista' tgħaddi fit – trejqiet fil-widien mnejn kienu jgħaddu l-bdiewa. Niftakar fi tfuliti l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħal Qormi konna mmorru narawha billi minn Ħ'Attard ngħaddu bil-mixi tul Wied is-Sewda. Bħalna kienu jagħmlu hekk ħafna nies, mhux biss għal xi festa jew purċissjoni iżda wkoll għall-kummerċ bejn raħal u ieħor. La darba jgħaddu n-nies kif ukoll il-bdiewa, fil-widien bdew jinbnew il-kappelli wkoll. Dawn kienu jaqdu l-ħtiġijiet reliġjużi tal-bdiewa li joqgħodu fl-inħawi kif ukoll lok ta' serħan għal ftit ħin fil-vjaġġ minn raħal għal ieħor. Xi talba żgħira ta' devozzjoni kif ukoll biex jitbiegħed kull għawġ għal min ikun iterraq hemm ma kienetx**

**tonqos. Eżempji ta' dawn il-Kappelli insibuhom f'Wied is-sewda fejn hemm Santa Marija tal-Blat. F'Wied il-Qlejgħa, limiti tal-Mosta, hemm San Pawl tal-Qlejgħa li kienet toffri waqfa ta' mistrieħ għal kull min ikun tiela' l-Imdina minn San Pawl il-Baħar jew minn Burmarrad.**

**Il-Widien huma għajn ta' ġid għall-bidwi billi dawn joffru ilma ġieri almenu għal perjodu tas-sena. Ilma li jintuża għat-tisqija tar-raba u biex jisqu lill-bhejjem. Artijiet agrikoli qrib jew tul il-widien, u li kienu privati, kienu jħajjru lis-sidien ta' dawn l-artijiet biex joffru rziezet fl-inħawi ħalli l-bdiewa jkunu qrib ir-raba. Bħala servizz lill-bdiewa, is-sid kien joffri wkoll l-użu ta' kappella privata li jkun bena minn flusu għas-servizzi reliġjużi. Is-sid seta kien xi nobbli jew xi kavallier. Dawn il-kappelli privati jissejjħu ġustpatronat. Eżempji tagħhom għandna diversi fosthom il-kappella tal-Vitorja fl-Imtahleb imperrċa fil-bidu tal-Wied.**

**L-ewwel kenn tal-bniedem f'pajjiżna kienu l-għerien. Maż-żmien xi għerien bdew jinbnewlhom il-faċċati għas-sigurta u l-kenn mix-xita għal dawk li jgħammru fihom. Naraw eżempji ta' dawn fil-Miżieb fil-Mellieħa u fil-Baħrija. Dawn taw bidu għal bini ta' Kappelli fl-Għerien Bosta widien fihom għerien u għallhekk ma naqsux li xi għerien ġew żviluppati f'kappelli bħal dik tal-Lunzjata f'Wied il-Lunzjata fil-Kerċem f'Għawdex, jew dik ta' San Pawl l-Eremit f'Wied il-Għasel fil-Mosta.**

**Xi kappelli, barra milli kienu joffru servizz religjuż, kienu jservu wkoll bħala punt ta' referenza fejn jiltaqgħu n-nies għal xi attivita soċjali, bħal per eżempju biex jistriehu fi triqthom jew biex jerfgħu**

ftit ilma għalihom u għall-bhejjem li jkollhom magħom mill-bir li dejjem kien jinstab ħdejn il-kappella. Il-Kappella tal-Madonna tad-Dawl, fil-Bidni fiż-Żejtun hi waħda min adwn li semmejna. Minn naħa l-oħra l-kappella tal-Vizitazzjoni f'Wied Qirda kienet toffri post imnejn id-dejma kienet tagħti l-allarm hekk hif kienu jintlemħu xi sibbien telgħin fil-wied, jew imnejn tlebbet lejn l-Imdina għall-għajnuna.

L-attakki mis-sibbien ma kienux jonqsu u għalhekk li wieħed jeħlisha ħafif minn xi attakk bħal dan kienet grazzja kbira. Hekk nafu li l-Kappella ta' l-Isperanza f'Wied il-Għasel il-Mosta hija eżempju tipiku ta' ġrajja bħal din li ntemmet b'wiċċ il-ġid. B'ħajr inbniet din il-kappella. Il-kappella tal-Madonna taż-Żellieqa fil-Għargħur inbniet b'ħajr għall-fejqan ta' tfajla.

Il-baħħara wkoll kellhom metodu sempliċi ħafna, iżda effettiv, biex juru r-rikoxoxximent tagħhom għal xi grazzja milqugħa, ngħidu aħna ħelsien minn xi għarqa jew minn xi attak tas-sibbien. Baħrin bħal dawn, grati għall-grazzji milqugħa, kienu jterrqu mis-Salina, li kien port, għall-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat ta' l-Imdina. Fi triqthom tul Wied il-Qlejjgħa kienu jieqfu jistrieħu fuq iz-zuntier tal-Kappella ta' San Pawl ta' Wied il-Qlejgħa u mal-ħitan ta' barra tal-kappella jonqxu xbiha żgħira tax-xini jew tal-mirkeb tagħhom, jew xi warda tar-riħ. Dawn jissejhu graffiti tal-wegħdiet. Graffiti bħal dawn insibu wkoll fil-kappelli tal-Kunċizzjoni f'Wied Gerzuma, r-Rabat kif ukoll f'dik tal-Qala f'Għawdex. Hekk kif xi wħud kienu jqabbdu xi pittur biex jagħmel pittura żgħira tal-grajja li turi l-ħelsien b'wiċċ il-ġid minn xi għawġ, u kienu joffruha lil xi Kappella, bħal dik tal-Madonna tal-Ħerba, f'Birkirkara, jew tas-Santwarju tal-

**Madonna tal-Mellieħa. Dawn il-baħħara jew sajjieda kienu joffru dan l-inqix mal-ġenb tal-Kappella bħala ħajr.**

**Fl-aħħarnett ma ninsew li l-ilma, flimkien max-xemx, huma l-aktar żewġ ħolqien kbar. Fejn hemm l-ilma u r-raġġi tax-xemx hemm ħajja bl-abbundanza. F'pajjiżna dawn issibhom żgur fil-widien. Minn naħa l-oħra l-ilma huwa marbut mad-din, jew reliġjon sa minn żmien l-Antik Testment, per eżempju l-ħasil fix-Xmara tal-Ġurdan u l-Bir ta' Ġakobb, waqt fit-Testment il-Ġdid diversi passaġġi jsemmu l-ilma u l-użu tiegħu għal skopijiet religjużi. San Frangisk jirreferi għall -ilma bħala "Oħtu".**

**Mela meta nafu dan kollu għaliex inkomplu nniġġsu l-widien tagħna?**